**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 20

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 18 ta' Novembru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Diane Abela Penza – Kunsillier

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji kien hemm waħda mingħand il-Kunsillier Abela Penza fejn din talbet biex tiġi skużata minħabba appuntament mediku. Din l-ittra ta' apoloġija ġiet approvatha unanimament.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 19

20.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-dsatax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

20.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

20.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia, l-minuti tad-dsatax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sur Dalli qal li x-xogħlijiet infrastrutturali fit-toroq Mons. Joseph Fenech sqaq nru 1 u f'parti minn Triq Preziosi, u ġo Triq il-Kunċizzjoni Sqaq nru 1, qegħdin fi stadju avvanzat. Fi ġranet riċenti qal kif beda x-xogħol ukoll ta' wiċċ ġdid bit-tarmac fuq parti minn Triq il-Mitħna.

20.3.2 Is-Sindku qal kif dwar ix-xogħol li qed isir fi Triq Antonio Azzopardi ma' Triq ĠanNikol Buhagiar sar progress ġmielu ukoll u bħalissa qed isir tibdil tas-sistema tad-dranaġġ.

20.3.3 Is-Sur Dalli tkellem fuq lista ta' xogħlijiet ta' aktar bankini li l-Kunsill ser jgħaddi lill-Public Works Department biex isiru bl-għajnuna ta' dan id-dipartiment. Il-Bankini li fuq ġie propost isir ix-xogħol huma skond il-lista t'hawn taħt:

- Triq Salvu Mifsud;
- Triq il-Maħlut;
- Triq Dun Ġużepp Tanti;
- Triq il-Mitħna mill-binja tal-Kunsill l-isfel;
- Triq Nazju Cortis;
- Triq Gannikol Buhaġiar ;
- Triq Daniel Sammut u
- Triq Wiġi Muscat.

## 20.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

20.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 20.5 Korrispondenza

20.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2025/000514
b. 2025/000529
c. 2025/000552
d. 2025/000569
e. 2025/000616
f. 2025/000617

20.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinjiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 20.6 Preparazzjonijiet Milied 2025

20.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lill-membri kollha kif fl-10 ta' Novembru, il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-MTA bi aħbar li ser jerġgħu jagħtu fond ta' 3,000 EUR għal tiżjien tal-Milied. Il-Kunsill kellu jdaħħal l-applikazzjoni tiegħu sas-17 ta' Novembru u għalhekk applika biex dan il-fond jiġi utilizzat:

- Għat-tiżjien tas-siġar bil-fairy lights fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u Vjal it-Trasfigurazzjoni;
- Għal-armar tas-siġra tal-Milied fil-pjazza u
- Għal aktar xiri ta' fairy lgihts u aċċessorji tal-Milied.

20.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku fakkru kif il-Kunsill ukoll akkwista fondi sa massimu ta' 4,000 EUR mingħand ir-Reġjun Lvant u dan l-ammont ser jiġi utilizzat biex:

- Isir tiżjien bi disinji nklużi mad-dawra tal-Knisja;
- Tidaħħal l-applikazzjoni għal meters tad-dawl;
- Kiri ta' cherry picker u
- Isir tiżjien ieħor għall-attivitajiet tal-Milied ġewwa Ħal Lija.

20.6.3 Rigward il-Christmas Market (12,13,14 ta' Diċembru), il-Kunsilliera reġgħu ġew mgħarfa kif il-fondi ser ikunu koperti mill-iskema SPI/SCI/4/2025 Milied 2025 kif inħarġet mill-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kollox kważi ordnat.

20.6.4 Inkonessjoni mal-Christmas Market tressqu aktar kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni fosthom:
PA Sound System għal tlett ijiem – 424.80 EUR;
Servizz ta' ambulanza is-Sibt u l-Ħadd – 708.00 EUR;
10 Kanizzati - 150.00EUR;
Logħob tat-tfal – 1,200.00 EUR;
Insurance – 650.00 EUR u
Risk Assesment 348.10 EUR
Is-Sindku qal kif ukoll il-Kunsill qed jistenna kwotazzjoni għall-ispiża ta' poster kbir/banner biex dan jitweħħel viċin taz-zuntier, ħalli kull min jgħaddi minn ħdejn il-knisja jkun nfurmat li ser jitella christmas Market.
Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn jinxtara ftit plastik biex jintużaw għal fuq il-kanizzati bħala ilqugħ mix-xita.

20.6.5 Il-Kunsilliera approvaw dawn il-kwotazzjonijiet imsemmija.

20.6.6 Is-Sindku avża lil Kunsilliera kif huwa bħala Sindku flimkien mal-Kunsill kollu ġie mistieden minn resident li joqgħod fuq iz-zuntier biex on the 12th, l-ewwel jum tal-christmas Market, jixgħel il-faċċata tad-dawl tiegħu flimkien mal-Kunsill.

20.6.7 Tressqet ukoll kwotazzjoni għat-tiżjien Tas-Sala Villa Lija bil-prezz ta' 1,180.00 EUR. Il-Kunsilliera approvaw din il-kwotazzjoni.

20.6.8 Is-Segretarju Eżekuttiv, rigward l-attivita tal-mother christmas (23/12/2025), fakret lil Kunsilliera biex jieħu deċiżjoni dwar liema token ser jinxtara biex jingħata bħala tifkira lit-tfal, ħalli issir l-order on time mal-kumpanija relatata. Hija qalet li kienet bgħatet imejl bil-catalogue tal-affarijiet li jistgħu jingħataw u qiegħda f'kuntatt mas-supplier biex jagħti l-prezzijiet tal-oġġetti li sa ssa ntbgħatu bħala suġġerimenti mill-Kunsilliera Lorraine u Diane.

20.6.9 Dwar l-ikla tal-anzjani, is-Sindku ħabbar kif kellu jkun hemm tibdil fid-data u minnflokk fit-22, din ser ssir fit-18 ta' Diċembru fi 12:00pm fi Sala Villa Lia. Bħala ikel kollox l-istess bħas-sena l-oħra mingħand l-istess supplier. Il-Kunsilliera ħadu nota u qablu.

20.6.10 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif fil-11 ta' Diċembru ser ikun ukoll qed jitella kunċert żgħir mir-Reġjun Lvant, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill bl-isem o'Holy night Chapel Trail, fil-kappella ta' Sant Andrija – Ceci and Kriss fi 21:45hrs.

20.6.11 Fis-27 ta' Diċembru reġgħa ġie mfakkar li ser isir il-kunċert tal-orkestra u reġgħat ġiet diskussa l-kwotazzjoni għal dan il-kunċert fid-dettal. Il-Kunsilliera approvaw din il-kwotazzjoni.

20.6.12 Is-Sindku fakkar ukoll lil Kunsilliera dwar id-dati t'hawn taħt:

19 ta' Diċembru – Gala night tal-AKL
22 ta' Diċembru – Ikla tal-Kunsill u l-istaff (Lunch)
29 ta' Diċembru – il-Bibita tal-Kunsill
Il-Kunsilliera reġgħu ħadu nota ta' dawn id-dati.

## 20.7 Preparazzjonijiet Festival taċ-Ċitru 2026

20.7.1 Is-Sindku qal kif l-amministrazzjoni mixja b'ritmu tajjeb fil-preparazzjonijiet għal festival taċ-ċitru. Bħalissa qed jinġabru ħafna stimi.

20.7.2 Is-Sur Dalli qal kif kellmuh ukoll xi rappreżentanti mis-Soċjeta Agrarja li dawn jixtiequ joffru l-għajnuna tagħhom f'dan il-festival. Huma jixtiequ li flimkien mal-Malta food Agency itellaw wirja tal-bosta varjetajiet ta' ċitru li hawn f'Malta u Għawdex, fejn umbgħad tintagħżel l-isbaħ qoffa f'din il-wirja. Is-Sindku tal-idea li l-Kunsill aktar il-quddiem joħroġ flyer f'kull residenza ġewwa Ħal Lija li għandha l-ġonna, biex jekk jixtiequ jipparteċipaw f'din il-wirja.

20.7.3 Is-Sur Dalli qal kif huwa ssuġġerixxa ukoll u qed jaħdem biex isir tilqim tas-siġar tal-lariġ ġewwa Ħal Lija. Is-Sindku qal kif din is-soċjeta lesta li tgħin lil Kunsill b'dan il-proċess tat-tilqim u anke offriet li ssir talk fuq it-tilqim u kif isir.

20.7.4 Is-Sindku kompla jgħid kif għadu qed ifittex dulċier biex jagħmel xi ħaġa kbira u li umbgħad titqassam lin-nies li jattendu u jkunu jistgħu jduqu din ix-xi ħaġa. Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia qalet li hija tista tagħti l-għajnuna dwar dan u tistaqsi lil dulċier li hija taf, jekk iridx jipparteċipa jew jagħti ideat. -Preċidenza l-ewwel pero ser tingħata lil dulċiera ġewwa Ħal Lija. Is-Sindku kompla jgħid kif għandu ħsieb ukoll li dawk il-persuni li s-soltu jasru l-lariġ, dawn għandhom jingħataw xi ħaġa bħala kumpens biex il-lariġ ukoll jitqassam b'xejn lin-nies kollha li jattendu.

20.7.5 Aktar dettalji il-quddiem.

## 20.8 Laqgħa Annwali tal-Lokalita – It-Tieni Laqgħa għas-sena 2025

20.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali diġà nżammet fi April u t-tieni għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat l-estimi finanzjarji.

20.8.2 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill it-Tlieta fid-9 t'' Diċembru 2025 fis-6:00pm.

## 20.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

20.9.1.1 <u>Kontinwazzjoni u approvazzjoni – Sistema ta' Permessi (Local Permits)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsill kif is-sistema tal-permessi mhux ser tibqa tgħajjat lid-diviżjoni u trid issir tranżizzjoni tas-sistema mingħand id-diviżjoni għal kunsill. Din it-tranżizzjoni hemm bżonn ssir biex ikun hemm kontinwita fis-servizz offrut lir-residenti u għalhekk umbgħad isiru l-arranġamenti meħtieġa mas-supplier tas-sistema. Id-diviżjoni qed tiżgura li din il-bidla mhux ser tkun qed iġġib piż finanjarju għall-Kunsill u ser tkun qed talloka fondi addizjonali biex tkopri din l-ispiża. Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq l-mejda kopja tal-proposal bir-rati ta' din is-sistema għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

20.9.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jagħżel tier 2.

20.9.2.1 <u>Monument biċ-ċitru – inkonnessjoni ma' Festa Ċitru</u>
Wara li l-Kunsilliera kollha raw l-abbozz ta' dan il-monument biċ-ċitru, ġie deċiż li ser jaħsbuha ftit ieħor u dan l-item filfatt ser jerġa jiġi diskuss fi seduta oħra.

20.9.3.1 <u>Talba – Akkumular tal-VL ħaddiema klerikali 2025-2026</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill talbiet mingħand il-ħaddiema klerikali biex huma jkunu jistgħu jakkumulaw vacation leave u jġedduh mis-sena 2025 għas-sena 2026.

20.9.3.2 Il-Kunsill unanimament approva dawn it-talbiet tal-ħaddiema klerikali.

20.9.4.1 <u>Skema Reġjun Lvant – Proġetti B'kollaborazzjoni mar-Reġjun Lvant (15, 000 EUR)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill skema maħruġa mir-Reġjun Lvant fejn il-Kunsill jista jibbenifika sa massimu ta' 15,000EUR biex issir proġett fir-raħal.

20.9.4.2 Kif diġa ġie kkonfermat u kkomunikat permezz ta' imejl lill-Kunsilliera kollha, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija taħt din l-iskema ser japplika għall-proġett ambjentali ta' restawr u manutenzzjoni fuq ħitan tas-sejjieħ fi Triq Ħalman, Triq Nazju Cortis u Triq Anotnio Azzopardi. Il-Kunsilliera reġgħu ħadu nota u uffiċjal b'mod unaninamu qablu dwar din id-deċiżjoni.

20.9.4.3 Is-Sa Farrugia Muscia staqsiet jekk in-nies tal-akwati mhux infurmati b'dan. Is-Sindku qal kif le għaliex il-Kunsill alissa kien għadu fl-istadju li japplika mar-Reġjun. Huwa qal kif ukoll l-ewwel ser jitkellem mal-Perit u jġib eżatt il-pjanti tal-ħitan li ser ikunu qed jiġu rrestawrati, umbgħad isir komunikat man-nies.

20.9.5.1 <u>Ċirkulari 6/2025 – Allokazzjoni Finanzjarja 2026</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja taċ-ċirkulari li l-Kunsill irċeiva ta' allokazzjoni għas-sena 2026. Il-Kunsill b'kollox ser ikollu allokazzjoni totali ta' 332,084 EUR. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku qraw aktar fid-dettal il-figuri tal-allokazzjoni.

20.9.5.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din il-komunikazzjoni u ċirkulari.

20.9.6.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Xogħol ta' Bankini ġodda Public works</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif diġa ħabbar is-Sindku aktar kmieni fis-seduta, fil-komunikazzjoni tiegħu, ser tingħata lista oħra ta' bankini biex isiru mill-ġdid bl-għajnuna tal-public works. Kif qal is-Sindku l-bankini li għandhom bżonn isiru mill-ġdid jinsabu fi:

- Triq Salvu Mifsud;
- Triq il-Maħlut;
- Triq Dun Ġużepp Tanti;
- Triq il-Mitħna mill-binja tal-Kunsill l-isfel;
- Triq Nazju Cortis;
- Triq Gannikol Buhaġiar ;
- Triq Daniel Sammut u
- Triq Wiġi Muscat

20.9.6.2 Il-Kunsilliera approvaw din il-lista ta' bankini li għandhom isiru mill-ġdid u għalhekk fil-jiem li ġejjien ser ikunu qed isiru l-applikazzjonijiet mal-Public Works kif meħtieġ mill-amministrazzjoni.

20.9.7.1 <u>Inizjattivita 'Mobility' ta' TM</u>
Is-Sur Dalli qal li kif diġà ħabbar fi seduta oħra, Transport Market ħarġet skema biex isiru attivitajiet ta' mobility. Huwa qal kif ħaseb fi tlett inizjattivi li l-Kunsill jista japplika għalihom:

- Jinxtraw 3 roti li jistgħu jintużaw minn kulħadd fir-raħal;
- Jinkera għal sena skolastika mini bus bħala trasport għal żgħażagħ li jattendu l-higher secondary, sixth form u l-Universita; jew
- Jinxtara van electric għal użu tal-ħaddiema tal-kunsill attrezzat kif suppost.

20.9.7.2 Huwa talab lil Kunsilliera biex jaħsbu dwar dawn l-ideat li huwa qed jipproponi. Sa dan it-tant is-Sindku qal kif huwa ser jerġa jitkellem mar-rapreżentanta ta' TM dwar l-idea ta' dawn it-tlett inizjattivi.

20.9.8.1 <u>Inizjattivita 'Open Libraries'</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill għall-approvazzjoni imejl mingħand l-Aġenzija 'National Literacy Agency' fejn din kitbet lil Kunsill Lokali jekk jixtieqx li jkollu open library żgħira x'imkien ġewwa ir-raħal.

20.9.8.2 Il-Kunsilliera qalu kif il-Kunsill jista juri l-interess għal waħda, ġewwa il-Ġnien Ċentru Rikreattiv.

## 20.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

20.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 11/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €146.29 għax-xahar ta' Ottubru 2025.

20.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 11/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 20.11 Mozzjonijiet

20.11.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 20.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

20.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA 05929/24 – 5, Triq Ħal Bordi, Lija
PA 07053/25 – Pith Woodworks, Triq il-Maħlut, Lija
PA 07141/25 – 37, Triq Sir Ugo Mifsud c/w Triq Mabel Strickland, Lija
PA 07191/25 – 6, formerly no 52, Triq San Alwigi Gonsaga, Lija
PA 07252/25 – 79, Triq Sir Ugo Mifsud,Lija

20.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

20.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, ma jiddaħħlux ittri ta' rappreżentazzjoni.

20.12.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lill-Kunsilliera kollha kif nhar il-Ħamis fi 13:30 hrs hemm is-smiegħ onlajn ta' PA 02305/25 Triq G.Cali u Triq il-Kbira.

## 20.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

20.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

20.13.2 Is-Sinjura Farrugia Muscia reġgħat tkelmet fuq l-annimali u l-avviż li hija trid toħroġ dwar annimali abbandunati li jinstabu ġo binjiet magħluqa jew ta' kostruzzjoni. Hija qalet li l-cat feeder li qed tagħmel kuntatt magħha assigurata li taf x'għandha tagħmel bħala proċedura biex tieħu ħsieb stray cats li jinsabu f'siti bħal dawn. Is-Sinjura Farrugia Muscia spjegat kif il-cat feeder tieħu l-qattus/a minn fuq is-sit kemm issewwihom biss umbgħad terġa tqedhom posthom fejn tkun sabithom. Hawnhekk is-Segretarju Eżekutiv, is-Sa Seguna, qalet kif imma hekk il-Kunsill qed jitlef il-kunċett kollu li strays jinġabru mit-toroq u b'hekk biss qatt mhu ser tissolva l-problema tal-istrays mit-triq billi jsir neutering biss, imma r-riproduzzjoni biss ser tieqaf sa ċertu punt. Is-Sa Seguna qalet li biex tissolva l-problema tal-istrays darba għal dejjem dawn iridu jinġabru mit-toroq u jingħataw home u jitnaqsu ċertu abbużi minn nies li jitfaw l-annimali barra kif idejquhom. Is- Sa Seguna kompliet tispjega kif l-uffiċjal li hija kelmet minn animal welfare spjega kif huma ma jistgħux jkunu ta' daqshekk għajnuna anqas biex jiġbru l-istrays mit-toroq, b'mod speċjali l-klieb. Animal welfare m'għandhix fejn iżżomm l-istrays kollha li hawn fit-toroq ta' Malta u normalment imorru fuq is-sit biss jekk l-istray ikun mweġġa jew marid, jdewwuh u jgħinuh però wara dan jerġa jispiċċa fit-triq sfortunatament.

20.13.3 Is-Sinjura Farrugia Muscia qalet li hija l-avviż tridu jinħareġ mhux biex jinġabru l-istrays mit-toroq imma bħala awareness. Is-Sindku Anthony Dalli qal kif l-aħjar is-Sa Farrugia Muscia għandha tiprepara hija l-kliem li tixtieq li jinkiteb eżatt f'dan l-avviż, tgħaddi l-kontenut lis-Segretarju Eżekuttiv umbgħad is-Segretarju Eżekuttiv tivverifika kollox mal-animal welfare terġa, dwar jekk il-kontenut tal-avviż mhux tajjeb biex jiġi ppublikat.

20.13.4 Is-Sinjura Farrugia Muscia wara tkellmet fuq l-inizjattiva li hija xtaqet tagħmel ta' għajnuna ma' xi istitut. Fil-qosor hija spjegat kif wara diversi riċerki li għamlet ma' diversi aġenziji fosthom l-appogg u FWS, ġie ssuġġeriet lilha li istitut fil-bżonn li jaċċetta stationary, basktijiet tal-iskola, reading books, lunch boxes u flasks huwa l-istitut Paulo Freire fiz-Zejtun. Hija għamlet kuntatt dirett ma' dan l-istitut ukoll u tkellmet ma' qasis fejn dan ikkonfermala li iva bħala istitut jaċċettaw u għandhom bżonn oġġetti minn dawk l-imsemmija, biss iridu jkun ġodda jew fi kundizzjoni tajba, mhux miksijin bi wrapping paper u għal użu ta' tfal bejn 5 u 10 biss. Is-Sindku qal li huwa ma jidejjaqx li tingħata għajnuna biss qabel ma l-Kunsill jipproċedi huwa qal kif l-amministrazzjoni l-ewwel għandha terġa tikteb lil FWS biex

tikkonferma li dan l-istitut huwa rrikonoxxut minnha qabel ma jibdew jinġabru l-affarijiet għalih. Dan biex il-Kunsill ikollu bil-miktub uffiċjali li dan l-istitut huwa veru fil-bżonn.

20.13.5 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia qalet kif hija tixtieq li l-Kunsill jagħmel introductory session fuq is-suġġett tal-AI. Is-Sindku qal kif ir-Reġjun Lvant diġà ħareġ u qed jaħdem fuq proposti simili u għalhekk biex ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' affarijiet il-Kunsill l-ewwel ħa jara kif ser ikompli jipproċedi r-Reġjun.

20.13.6 Il-Kunsillier Betts qal kif il-laqgħat tal-Kunsill tat-tfal ser ikomplu mill-ġimgħa d-dieħla għax dawn kienu waqfu għal ftit minħabba li inbidlet il-persuna li kienet tieħu ħsiebhom. Dan il-persuna il-ġdid issa jixtieq li jiltaqa' anke mal-Kunsill Lokali u l-Kunsillier Betts staqsieh jekk il-laqgħat jistgħux isirux ġewwa l-Kunsill Lokali minnflokk ġewwa s-sala Villa Lija.

20.13.7 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini qal kif huwa kien qed jaħdem biex issir ħarġa fl-Uffiċċju Notarili, però ma rnexxilux minħabba diversi raġunijiet u limitazzjonijiet. Għalhekk huwa kompla jgħid kif issa għandu idea li minnflokk issir ħarġa fil-palazz tal-president il-Belt, u jiprova jagħmila għat- 28 ta' Novembru. L-unika problema huwa qal kif l-gwida li ddawwarhom ġol-post ma taċċettax aktar minn 35 persuna f'daqqa. Is-Sindku qal li ma tantx joġgħbu l-fatt li l-Kunsill huwa limitat li jieħu booking ta' 35 persuna biss, sakemm ma jistax ikun hemm żewġ gwidi bi gruppi ta' 35 il-persuna each. Is-Sur Cini ser ikompli jaħdem fuq din il-ħarġa u jitkellem mal-persuna nkarigata fil-palazz tal-president.

20.13.8 Il-Viċi Sindku wara qal li fi Vjal it-Trasfigurazzjoni in-naħa tal-bus shelters inti u nieżel l-isfel għal barra hemm ħafna pjanti u weraq ħerġin minn wara l-ħadid jostakolaw il-bankina. Il-Kunsill kull ma jista jagħmel huwa li jikteb lis-sid tal-propjeta biex jinżabru għaliex dawk huma privati.

20.13.9 Ġie diskuss ukoll li fl-istess akwata anke kien hemm min ilmenta li ra l-ġrieden. Dwar dan ser jintbgħat rapport biex tingħata l-assistenza mill-Pest Control.

20.13.10 Il-Ħin kien 6:08pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-16:45pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000488 | 17/10/2025 | Sebestian Buhgiar Said | Resident reserved parking | Reserved Parking |
| LLC OCT 2025/000489 | 19/10/2025 | Dion Buhagiar Said | Resident reserved parking | Unauthorized reserved parking bay opposite my residence. |
| LLC OCT 2025/000490 | 20/10/2025 | Daniela Armeni | Dwal tal-Milied | Tiżjien tal-Milied |
| LLC OCT 2025/000491 | 20/10/2025 | Maria Zerafa | Garbage | Triq Sir Ugo - Borża taż-Żibel |
| LLC OCT 2025/000492 | 20/10/2025 | Mario Pace | Ambjent Malta | Siġra Nvaduża ġewwa triq Robert Mifsud Bonniċi |
| LLC OCT 2025/000493 | 20/10/2025 | Neil Lassus | Ambjent Malta | Siġra Nvaduża ġewwa triq Robert Mifsud Bonniċi |
| LLC OCT 2025/000494 | 21/10/2025 | Marcon Gusman | Transport Malta | New reserved parking for OQZ688 |
| LLC OCT 2025/000495 | 21/10/2025 | Christopher Galea | DLG | Titjib fl-Infrastruttura tan-Networks tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. |
| LLC OCT 2025/000496 | 21/10/2025 | Ian Magro | AKL | Skema ta' Fondi - Inizjattivi ta' Mobbilta' Attiva u Sostenibbli. |
| LLC OCT 2025/000497 | 21/10/2025 | Marcon Gusman | Transport Malta | Reserved Parking bay painted opposite residence |
| LLC OCT 2025/000498 | 22/10/2025 | Christa Agius | Resident | Animal waste hygiene in Bakery str alley 3 |
| LLC OCT 2025/000499 | 22/10/2025 | James Hamburger | Reġjun Ilvant | O ' Holy night chapel in St Andrew's chapel |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000500 | 22/10/2025 | Joanne Magro | Health Regulations | Hornets |
| LLC OCT 2025/000501 | 22/10/2025 | Ramona Portelli | DLG | Numri ġodda ta' bibien - nru 1580 - 1587 - Gazetta atl-Gvern nru 21,516 tas-7 t'Ottubru |
| LLC OCT 2025/000502 | 22/10/2025 | Lorraine Farrugia | Kunsilliera | Kuntatt Animal Welfare |
| LLC OCT 2025/000503 | 23/10/2025 | Abigail Camilleri | Read with Me | Change in Reading Sessions |
| LLC OCT 2025/000504 | 23/10/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Fuljett |
| LLC OCT 2025/000505 | 23/10/2025 | Connie Xuereb | | PCR Lija Local Council |
| LLC OCT 2025/000506 | 23/10/2025 | Kimberly Abela | EPRT Info | Indirizz u Imejl uffiċjali tal-kunsill rigward dati tas-smiegh. |
| LLC OCT 2025/000507 | 23/10/2025 | Hannah Bonnici | Balzan Resident | Vandalism on residnt car. |
| LLC OCT 2025/000508 | 23/10/2025 | Marthese Grech | Reġjun Ilvant | Refund waste related expense. |
| LLC OCT 2025/000509 | 23/10/2025 | Claudia Stafrace | DLG | Beneċċji - Cat Feeders. |
| LLC OCT 2025/000510 | 23/10/2025 | Kristina Casolani | Singer | Request to close triq il-Kbira for Halloween Activity - 31/10/25 |
| LLC OCT 2025/000511 | 23/10/2025 | Allessandro Magri | Resident | Dirt being left in the street. |
| LLC OCT 2025/000512 | 23/10/2025 | James Bonavia | Resident | Obstruction on Pavement |
| LLC OCT 2025/000513 | 24/10/2025 | Christopher Galea | DLG | Reminder of the Local Permit System. |
| LLC OCT 2025/000514 | 24/10/2025 | Eugeiene Grech | Resident | Removal of Wall Bushes - Triq Guzeppi Cali - Grawnd |
| LLC OCT 2025/000515 | 24/10/2025 | Josianne Carabott | Infrastructure Malta | Urgent request to repair pavaement between cemetry and Jysk |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000516 | 24/10/2025 | Joseph Thuema | Resident | Triq + Ħarruba - Triq Ġannikol Buhagiar. |
| LLC OCT 2025/000517 | 24/10/2025 | Doris Busutill | Transport Malta | Letter. |
| LLC OCT 2025/000518 | 24/10/2025 | Nicholas Grech | ERA | Pennisetum Setaceum infestation - Lija Playground. |
| LLC OCT 2025/000519 | 24/10/2025 | Donna Bedingfield | Heritage Malta | Seniour Passport. |
| LLC OCT 2025/000520 | 24/10/2025 | Dori Ann Farrugia | Pulizija | Kaxxa mkissra ġewwa triq Sir Ugo Mifsud. |
| LLC OCT 2025/000521 | 24/10/2025 | Justine Decelis | AKL | Cir AKL 2025/066_ Enemalta street lighting retrofitting project. |
| LLC OCT 2025/000522 | 24/10/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | L - PA Decisions 16- 22 October 2025, L- PAR Letter. |
| LLC OCT 2025/000523 | 24/10/2025 | Clayton Damato | ACB Architect | Rubble Walls PCR completion form. |
| LLC OCT 2025/000524 | 27/10/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Rapporti ta' Bulky u Ħamiema. |
| LLC OCT 2025/000525 | 27/10/2025 | Stephen Conchin | Planning Authority | KLL - email adress u postal adress |
| LLC OCT 2025/000526 | 27/10/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | PA/02305/25 - Vacant site * Triq il-Kbira & Triq Gużeppi Cali |
| LLC OCT 2025/000527 | 27/10/2025 | Tia Reljic | MEEC | Initation - visit works - Ġnien Merino |
| LLC OCT 2025/000528 | 27/10/2025 | Abigail Camilleri | Read with Me | Seħer l-Istejjer Ħal Lija Sessions |
| LLC OCT 2025/000529 | 27/10/2025 | Jessica Galea | Project Green | Notification of Extended working hours - Merino Garden Project |
| LLC OCT 2025/000530 | 28/10/2025 | Rodianne | KYC Malta | Global Payments Ltd update of Information. |
| LLC OCT 2025/000531 | 28/10/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Fitness Classes Oct 25 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000532 | 28/10/2025 | Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv | Plakek Ħitan tas-Sejjieħ |
| LLC OCT 2025/000533 | 28/10/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Seduti tal-Kunsill Diċembru - risposta. |
| LLC OCT 2025/000534 | 28/10/2025 | Duncan Hall | CMD | Parks and Gardens Tenders Evaluation. |
| LLC OCT 2025/000535 | 28/10/2025 | Joe Attard | GreenMt | Request for information on bulky refuse and Wee collection. |
| LLC OCT 2025/000536 | 28/10/2025 | Dee Strickland | Resident | Meeting with Lija Council Expert |
| LLC OCT 2025/000537 | 29/10/2025 | Mark Sciberras | Każin San Piju X | Festa Ċitru 25 ta'Jannar 2026. |
| LLC OCT 2025/000538 | 29/10/2025 | Marica Axiaq | DLG | Titjib fl-Infrustruttura tan-Networks tal-Kunsill Lokali u r-Reġjun. |
| LLC OCT 2025/000539 | 29/10/2025 | Jeanette Galea | Reġjun Ilvant | Skema Fianzjarja - Proġetti b'kollaborazzjoni mal KL fi hdan ir-Reġjun Lvant 2025. |
| LLC OCT 2025/000540 | 29/10/2025 | Marthese Grech | Reġjun Ilvant | Payments October 2025 |
| LLC OCT 2025/000541 | 29/10/2025 | James Bonavia | Resident | Obstruction on Pavement |
| LLC OCT 2025/000542 | 30/10/2025 | Nadia Camilleri | Enemalta | Applikazzjonijiet STL. |
| LLC OCT 2025/000543 | 30/10/2025 | David Ellul Mercer | Planning Authority | Notification of Receipt of Fresh Drawings - PA/05929/25 - Hal Bordi |
| LLC OCT 2025/000544 | 30/10/2025 | Jonathan Said | Resident | Belvedere Suites - Triq il-Mitħna c/w Triq Depiro Gurgion - Waste Littering. |
| LLC OCT 2025/000545 | 30/10/2025 | Tia Reljic | MEEC | Initation - visit works - Ġnien Merino |
| LLC OCT 2025/000546 | 31/10/2025 | Jaelle Borg | Designer | Poster Designer |
| LLC OCT 2025/000547 | 31/10/2025 | Ellis McCullough | Adi Associates | PA/02305/25 - Appeal No.00400/25 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000548 | 31/10/2025 | Rodney Micallef | Perit | Removal of Scaffolding. |
| LLC OCT 2025/000549 | 31/10/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | PA/02112/15 - 2, Alley 2, Triq id-Dejqa. |
| LLC OCT 2025/000550 | 31/10/2025 | Hector Gatt | | App 400/25 - Re Triq Ġużeppi Cali & Main str |
| LLC OCT 2025/000551 | 31/10/2025 | Mark Camilleri | National Literacy Agency | Sidewalk Libraries |
| LLC OCT 2025/000552 | 31/10/2025 | Neville Galea | DLG | SPI/SCI/06/2025 - Fond ta'Manutenzjoni u Sostenn ta' Progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa mil-gvern centrali. |
| LLC NOV 2025/000553 | 01/11/2025 | Anthony Robinson | Perit | Appeal lodged by local council against permit PA2305/25 |
| LLC NOV 2025/000554 | 01/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | RE: Planning Applications Review. |
| LLC NOV 2025/000555 | 03/11/2025 | Anthony Robinson | Perit | RE: Appeal lodged by local council against permit PA 2305/25 |
| LLC NOV 2025/000556 | 03/11/2025 | Martha Conti | Resident | Re: Sqaq nru 1 triq Sant'Andrija - report |
| LLC NOV 2025/000557 | 03/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: Librerija fl-apert - Ftehim bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-kunsill lokali. |
| LLC NOV 2025/000558 | 03/11/2025 | Martina Sammut | Reġjun Ilvant | EU & Local Funds Manager - Kunsill Reġjonali Lvant. |
| LLC NOV 2025/000559 | 04/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | RE: Planning Applications Review. |
| LLC NOV 2025/000560 | 04/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Fw: Query re educational activities. |
| LLC NOV 2025/000561 | 04/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: PA/02112/15 - 2, Alley 2 Triq id-Dejqa. |
| LLC NOV 2025/000562 | 04/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: Query re educational activities. |
| LLC NOV 2025/000563 | 04/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: Pa/02112/15 - 2, Alley 2 Triq id-Dejqa. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000564 | 04/11/2025 | Moira Bongalias | | Re: Urgent: Explore Malta Project deadline approaching. |
| LLC NOV 2025/000565 | 05/11/2025 | Connie Xuereb | MFI | Re: Plaque template - rubble walls M4.4 |
| LLC NOV 2025/000566 | 05/11/2025 | Hector Gatt | ERPT | Re: App 400/25 - Triq Ġużeppi Cali |
| LLC NOV 2025/000567 | 05/11/2025 | Lorraine Farrugia | Kunsilliera | Re: PA/0235/25 - Appell 00404 - Vacant site -triq il-Kbira u Triq Ġużeppi Cali. |
| LLC NOV 2025/000568 | 06/11/2025 | Abigail Camilleri | Read with Me | Fw: Lija Reading Sessions. |
| LLC NOV 2025/000569 | 06/11/2025 | Lorraine Darmanin | Active Ageing | Re: Vaċċin tal-Influwenza |
| LLC NOV 2025/000570 | 06/11/2025 | Carl Betts | Planning Authority | PA/0235/25 - Appell 00404 - Vacant Site, Triq il-Kbira u Triq Giuseppe Cali, Lija - Kunsillier jaghti risposta rigward konsultazzjoni mat-Town Planner |
| LLC NOV 2025/000571 | 06/11/2025 | Abigail Camilleri Enriquez | NLA | Read with Me / Seher l-Istejjer - Updated Posters |
| LLC NOV 2025/000572 | 06/11/2025 | Anthony Dalli | Perit Robinson | Lija overdue works: ilmenti dwar il-culvert ta' Triq il-Kbira; Kuntrattur tal-Kunsill Lokali jimxi taht id-direzzjoni tal-Perit Tony Robinson: u Sqaq No. 6, Triq il-Forn |
| LLC NOV 2025/000573 | 06/11/2025 | Calcedonio Cini | Vici Sindku - KLL | Fondi Regjun Lvant - 15,000 EUR; Sindku ta parir li l-flus allokat imur ghal progett ambjentali ghar-restawr ta' hitan. |
| LLC NOV 2025/000574 | 06/11/2025 | Maria Bonnici | DLG | Cirkulari 4/2025: dwar l-gheluq tas-sena finanzjarja 2025 |
| LLC NOV 2025/000575 | 06/11/2025 | Antoine | Grixti | EV Charging Pillar Sir Ugo Mifsud Str. - photos of the Charging Pillar attached photos of the charging point and signs |
| LLC NOV 2025/000576 | 06/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: Appeal lodged by local council against permit PA 2305/25. |
| LLC NOV 2025/000577 | 06/11/2025 | A Biachi | Resident | Works in Triq Mons Joseph Fenech |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000578 | 06/11/2025 | Moira Bongalias | | Re: Urgent: Explore Malta Project deadline approaching. |
| LLC NOV 2025/000579 | 06/11/2025 | Lorraine Farrugia | Kunsilliera | RE: Fondi Regjun Lvant - 15,000 Eur |
| LLC NOV 2025/000580 | 06/11/2025 | Jaelle Borg | | Caption |
| LLC NOV 2025/000581 | 07/11/2025 | Carl Xuereb | Transport Malta | Missing Stop Sign at Triq  Massimiliano Debono c/w Triq G. Portelli |
| LLC NOV 2025/000582 | 07/11/2025 | Carl Betts | Kunsilliera | Grieden go ghlaqa gewwa triq Robert M. Bonnici |
| LLC NOV 2025/000583 | 07/11/2025 | Antoinette Cardona | Transport Malta | Re: Kunsill Lokali Hal Lija parking spaces bejn il-linji. |
| LLC NOV 2025/000584 | 07/11/2025 | Michelle Scerri | DLG | Hal Lija - SPI/SCI/4/2025 - Milied 2025 - Advanced Payment |
| LLC NOV 2025/000585 | 07/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: Appeal lodged by local council against permit PA 2305/25. |
| LLC NOV 2025/000586 | 07/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | RE: Fondi Regjun Lvant - 15,000 Eur |
| LLC NOV 2025/000587 | 07/11/2025 | Lucas Micallef | President, Socjeta' Agrarja | Wirja ta' Varjetajiet tac-Citru - Hal Lija / 25 ta' Jannar 2026. |
| LLC NOV 2025/000588 | 09/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: Planning Application Review. |
| LLC NOV 2025/000589 | 09/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: First Aid Course. |
| LLC NOV 2025/000590 | 09/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Fw: First Aid & Fire Fighting Course. |
| LLC NOV 2025/000591 | 09/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Next council meeting 18th Nov. |
| LLC NOV 2025/000592 | 10/11/2025 | Ramona Portelli | DLG | Numri godda ta bibien  -  nru 1629 - 1638 mil-gazetta tal-gvern nru 21,520 tal-14 t'Ottubru 2025. |
| LLC NOV 2025/000593 | 10/11/2025 | Carl Xuereb | Transport Malta | Re: Missing stop sign at triq Massimiliano Debono  c/w triq G. Portelli. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000594 | 10/11/2025 | Susanne Oppers | Resident | Re: Cleaning of street - Triq Sir Ugo Mifsud. |
| LLC NOV 2025/000595 | 10/11/2025 | Kirsty Gafa | MTA | Skema t'Ghajnuna ghat-Tiżjien tal-Milied fil-lokalita' 2025-2026 |
| LLC NOV 2025/000596 | 10/11/2025 | Theresa Cassar | Regjun Ilvant | Bocci Tournament. |
| LLC NOV 2025/000597 | 10/11/2025 | Kirsty Gafa | MTA | Skema t'Ghajnuna ghat-Tiżjien tal-Milied fil-lokalita' 2025-2026 |
| LLC NOV 2025/000598 | 10/11/2025 | Jeanette Galea | Reġjun ilvant | Laqgha tal-kunsill regjonali lvant nru 51 - Agenda u skeda ta hlasijiet. |
| LLC NOV 2025/000599 | 11/11/2025 | Sandro Sammut | Health Regulations | Storm water channel / culvert from chadwick lakes ending at around Lija Cemetry. |
| LLC NOV 2025/000600 | 11/11/2025 | Andrea Borg Brincat | Regjun Ilvant | Esplorazzjoni tal-AI u Soluzzjonijiet digitali ghas-servizzi tal-kunsilli lokali. |
| LLC NOV 2025/000601 | 11/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: Appeal lodged by local council against permit PA 2305/25. |
| LLC NOV 2025/000602 | 11/11/2025 | Eilis Mc Cullough | Adi Associates | Re: Planning Application Review. |
| LLC NOV 2025/000603 | 11/11/2025 | Adrian Farrugia | Mobile Dental | Re: Free Dental Checkups - University of Malta. |
| LLC NOV 2025/000604 | 12/11/2025 | Andrea Scopazzi | Mictrix Events | Attn: Mayor Anthony Dalli. |
| LLC NOV 2025/000605 | 12/11/2025 | Jeanette Galea | Reġjun ilvant | Re: Skema Finanzjajrja mil-Kunsill Regjonali lvant |
| LLC NOV 2025/000606 | 12/11/2025 | Abigail Camilleri | Read with Me | Cancellation - Wednesday reading sessions. |
| LLC NOV 2025/000607 | 12/11/2025 | Ryan Zammit | Regjun Ilvant | DVR System |
| LLC NOV 2025/000608 | 12/11/2025 | Lorraine Farrugia | Kunsilliera | Re: Inizjattiva lura l-iskola. |
| LLC NOV 2025/000609 | 12/11/2025 | Adrian Farrugia | Universita | Re: Free Dental Checkups - University of Malta. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC NOV 2025/000610 | 12/11/2025 | Lianne Cassar | AKL | Re: Cir AKL 2025/067 _ light unite, ignite - Team building event 2025_ 21/11/25. |
| LLC NOV 2025/000611 | 12/11/2025 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | Re: Triq il-Kuncizzjoni sqaq nru 1 - ilment dwar rampa. |
| LLC NOV 2025/000612 | 12/11/2025 | MIB Personal Lines | Insurance Policy | Renewal Notice: Traders Combined - Hal Lija local council. |
| LLC NOV 2025/000613 | 12/11/2025 | Alison Pace | Infrastructure Malta | Re: Mosta Road - Lija |
| LLC NOV 2025/000614 | 12/11/2025 | Perit Anthony Robinson | | Risposta tal-permit holder ghal-appell ta' Terzi PAB 400/25 kontra PA 2305/25 |
| LLC NOV 2025/000615 | 13/11/2025 | Jonathan Said | | Re: Belvedere Suites - Triq il-Mithna c/w Triq Depiro Gurgion Hl Lija - waste amd littering. |
| LLC NOV 2025/000616 | 13/11/2025 | Maria Bonnici | DLG | RE: Errata Corridge - Korezzjoni fin-numru tac-cirkulari. |
| LLC NOV 2025/000617 | 13/11/2025 | Anne Marie Gauchi Agius | Universita | Re: Dental Checkups - poster. |
| LLC NOV 2025/000618 | 13/11/2025 | Sandro Sammut | Health Regulations | Re: Storm water channel / Culvert from Chadwick Lakes ending at around Lija Cemetery CRM: 0294225 |
| LLC NOV 2025/000619 | 13/11/2025 | Andrea Borg Brincat | Regjun Ilvant | Re: Esplorazzjoni tal-AI u Soluzzjonijiet digitali ghas-servizzi tal-Kunsilli lokali. |
| LLC NOV 2025/000620 | 13/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | Re: Mera Trasfiguration Avenue. |
| LLC NOV 2025/000621 | 14/11/2025 | Diane Abela Penza | Kunsilliera | One Way sign - Triq Sant'Andrija |
| LLC NOV 2025/000622 | 14/11/2025 | Ian Magro | AKL | Cir AKL 2025/068 Children's March 2025. |